rahom cbar kuddiemu daks ir-rigali prezzjusi li sicùit jibaghtulu ir-Rejjet u il Miljunari tad-dinja collha, u kabiżlu id-dmuħ minn ghajnejħ!

Imbghad, dar fuk il Princep Barberinu Sacchetti u kallu: Nifraħ lilec u lill Cumitat collu tal Parroċċa ta San Camillu,talli gharaftu f'kasir żmien thejju u tmexxu b'dic il pompa sabiħa it-*Te Deum* sollenni b' ringrazzjament lill Ħanin Alla, li ghoġbu jeħles mil meùt ir-Re u ir-Regina tal Italja.

Hecc jaħsibha Piju Ghaxra.

Fra Meliton.

# Il festa tad-Duluri.

Chellna ħsieb, bħalma ghamilna dejjem cull mita sibna-ruħhna b'gażetta f'idejna, li ghal din il festa tal Madonna nistampaù nitfa ta poeżija minn taghna: imma żeùġ ti ħbieb, il Professur Dun Carm Psaila u in-Nutar Carlu Micallef De Caro, baghtulna il ùieħed Sunett minn daùc li jaf jaghmel hu u l'ieħor Talba sabiħa flimchien ma ittra tieghu. Nirħu, mela, lilhom il post bil kalb collha.

I.

## ID-DULURI

*Stabat juxta crucem*
*Jesu Mater ejus.*

Fejn hu 'l ġmiel, fejn hu 'l ħajr li bih mimlija
Il profeti ħabbruc? Minn fuk ħaddejc
Ghebu 'l ùardiet, u fuk xuftejc id-dija
Tad-daħca mietet, ma leħħiet ghajnejc.

Hecc, mela, fost chemm haùn xebbiet lhudija
Chellec tcun l'isbaħ ùaħda; u minn idejc
Coll barca ixxerred u coll ferħ, Marija?
Ke'ed nifhmec, mara, f'Dac li miet hemm ħdejc.

Bahar bla tarf in-nichet minn ta kalbec,
Chif bla tarf hija imħabbtec; bħalma cbir
Chien id-dnub taghna li ma Ibnec sallbec.

Iżjed mil meùt ħasritec hi felħana:
Iżda Alla iżommoc ħajja biex issir
Fil meùt tal Iben tieghec omm minn taghna.

23-3-12 Dun Carm Psaila.

II.

Il Belt, 26 ta Marzu, 1912

Sur Direttur,

Jen naf ùisk tajjeb li int u ix-*Xirca tat-Talb* ma fi ħsibcomx taghmlu il *Habib* ctieb tal Cnisja, iżda folju li fil ùakt li ighaddi fil fejda iż-żmien, ighallem u jati gost: iżda ghal din id-darba biss (kieghdin niftiehmu?) nitolboc tħallini ngharraf lill Karrejja tal *Habib* din it-talba tant sabiħa li ħadt ħsieb indaùùar fil lsienna, ghaliex krajt li il grazzi li biha inkalghu minn ghand *Maria fil piena* ma tistax tghoddhom—Jen sgur li bosta Insara jieħdu gost biha u ghalhecc ma tcunx ħlejt fix-xejn il post tal ġurnal tieghec.

Ghoddni dejjem bħal kabel
ħabibec
C. M. D.

TALBA

Lill'Ommna Marija

## taħt l'isem tas-Seba' Duluri

(*biex ùieħed jakla' xi grazzja*)

O ħelùa Verġni Marija, Omm Sidna Gesù Cristu, u chif nista' inkanklec biex nakla' minn ghandec dac li naħtieġ aħjar milli nuric l'Ibnec Gesù 'Msallab u il Piaghi imkaddsa tieghu: nghidlec chemm bata' ghalina, nuric dic il Curuna tax-xeùc li daùùrulu mal imkaddsa Rasu, il flagelli, l'imsiemer li nifdulu riġlejħ u idejħ, il velu li fih cheffnuħ, il morr li taùħ, il lanza li, kuddiemec, ùara li Hu miet, fetħulu biha l'imkaddes Sidru? O Marija, O Marija, min irid xi grazzja minn ghandec, chif jista' jaklaħħa aħjar milli jitlobhielec f'gieħ id-dakkiet ta ħarta, il bżiek, id-dagha, iż żebliħ, it-tmakdir, it-taghjjir li ghalina bata il ħelu Ibnec Gesù? O Omm imkaddsa, jiena nixtiek din il grazzja u nitlobha f'gieħ id-Demm Imkaddes li xerred kuddiemec ghalina fuk is-Salib. O Marija, ghal dac id-Demm tal istess Alla, li Int rajt jiċċarċar ma ùiċċu l'imbierec: O Marija, tiċħadlix din il grazzja! Ghal dac id-Demm imkaddes, Int, le, ma tiċħadhielix. Aklaħhieli, o Omm Alla, u ismaghni: nitolboc, f'gieħ dac id-Demm! Le, jien ma 'nkumx minn ħdejn riġlejc kabel ma tismaghni: o Marija, la ċċaħħadnix minn din il grazzja!

O Kaddisin tas-Sema, jien nitlobcom din il gaazzja f'gieħ id-Demm u il Passjoni ta Gesù Cristn, li ghalihom intom tinsabu il Genna: intom, nitma, takilghuhieli!

O Angli tas-Smeùùiet, jien nitlobcom ilcoll din il-grazzja f'gieħ il Passjoni ta Gesù Cristu, li ghaliħ tfajtu fl'abbissi tal infern il Lucifru u sħabu, u intom bkajtu rebbieħin fis-Sema.

O Missier, o Iben, o Spirtu is-Santu, o Imkaddsa Trinità, o Gesù, o Marija, o Anġli u Arcanġli, o Kaddisin tas-Sema, jien nitlobcom mil kieħ ta kalbi din il grazzja f'gieħ id-Demm u il Passjoni ta Sidna Gesù Cristu, jecc hi ta gid ghal ruħi. Hecc icun!

Nihil obstat. Die 4 Maii 1910.
Aloisius Can. Farrugia, Cens. Theol.

# Ma dûar il Gzira

Dac is-Sur *M.M.M* messu iħabbat bieb ieħor u chien icun mokdi bil ferħa. Aħna nafu *x'in huma il bżonnijet tal Poplu*: u, bil ghajnuna t'Alla u tan-nies it-tajjba, kieghdin naħsbu fiħ mill'aħjar li nistghu Imma dac li donnu ifantas is-Sur *M.M.M.*,lilna ifarrgilna kalbna, ghax il bandiera taghna tghid: Alla u il Patrja; mhux *Taparsi il Patrja u minn taħt il Loġġa*! Ftiehemna?—F' dic it-triek m'hemmx dac in-numru: iżda min chitbilna *b'isem falz*, biex jara ikarrakx bina, ma satax jaghżel numru aħjar, ghax f'dac il loc jixraklu ighammar.

—Nizżu-ħajr lis-Sur R. Mifsud Bonnici, li ghoġbu jibghatilna ùaħda mill'isbaħ poeżiji tas-Sur Clement, zijuħ, Alla jatiħ il Genna. Hu jaf li aħna ilna bil ħsieb li nibdeù cull tant inżellku xi poeżija minn ta daùc il chittieba cbar tal *Ùard u Żahar*: u jaf ucoll x'kima ghandna ghas-Sur Clement,li, f'żghużitna, ghallimna chif inħożżu xi vers, seùùa bit-Taljan u seùùa bil Malti. Malli icollna il ùisa, dic il poeżija narġghu nuruha id-daùl: imma kabel xtakna incunu nafu il ġurnata tal *Ùard u Żahar* li tinsab fiħ.

—*Maria saret omm*, xoghol sabiħ ta *G. M.B.*, xtakna ingibuħ din il gimgha: imma tùil ùisk ghalina.

—Ir-Reverendu Dun Vincenz Vassall, ta ħal Tarxien, ùeghedna li jictbilna fuk il biedja u ix-xoghol tar-raba, jeù, biex nghidu aħjar, li jiġbdilna bil Malti dac li chiteb fuk hecc is Sur Ùistin Randun: u baghatilna l'eùùel biċċa, ħidma sabiħa u ta fejda cbira ghall bdieùa taghna, li ghandhom bżonn min jiekaf maħħom u jiftħilhom ghajnejhom. Niżżuħ-ħajr u natuħ il chelma taghna li noħorġuha fl'eùùel dehra ta ùara din.

—Is-sena, sejjrin isiru l'eùùel darba il funzjonijet tal Gimgha il Cbira fil Cnisja tal *Madonna tal Lies* (ix-Xatt tal Belt). Icun hemm is-*Sepulcru*. Nhar Ħamis ix-Xirca, fis-saghtejn ta ùara nofs in-nhar, isiru il *Visiti* u ghall ħabta tal *Ave-Marija* icun hemm il Priedca tal Passjoni. Il funzjoni ta nhar il Gimgha tibda fis-7 ta fil-ghodu. Nafu x'irodd ir-Reverendu Dun Carm Żammit, predicatur mill'actar imsemmijin u Sacerdot mimli bil ħeġġa u il ħrara, li issa hu ir-Rettur ta dic il Cnisja, l'actar ùaħda fil kabda ghan-nies tax-Xatt: u conna naħsbu li, taħt idejħ, isiru bosta ħùejjeġ godda ghall gid tal erùieħ.

—Ghand is-Sur *G. Muscat*, strada Mercanti, 48 (taħt il *Monti*) jinbieghu daùn il *Cotba tal Cnisja* illigati: "Compendju tal tal Passjoni ta Sidua Gesù Cristu," xelin—"Confort tar ruħ nisranija", b'ittri cbar, xelin—"in-Nisrani geùùa il Cnisja,"xelin u erba' soldi—"l'Uffizzju tal Gimgha il Cbira," bil Latin u bil Malti, tmintax irbighi—"il Bon Pastur" disa' irbghajja—"it-Triek tal Genna," tmin soldi—"Liguori" taghlim, jeù "San Alfonsu," ghaxar soldi—"Imxi il Genna," tal Cappillan Sisner, żeùġ xelini—u "Djarju Spiritùali" jeù "Kari ghar-ruħ," żeùġ xelini.—Barra minn daùn il *Cotba tal Cnisja*, issibu ucoll ghand is-Sur *G. Muscat* daùn l'oħra, li huma ta fejda cbira: Li Storja Sagra tas-Sur Preca, imżejjna b'li Stampi—li Storja tal Cnisja—il *Ħajja ta Maria S.S.*, tal Cappillan Sisner—il Hajja tal Kaddisin Virġni u Martri—*Kempis* jeù *Imitazzjoni ta Cristu*—"Gemgha ta cliem imkaddes" (collu poeżija, fejn hemm ucoll il *Ghasar tal Madonna* maklub chelma b'chelma mil Latin, ùieħed mill 'eùùel xoghlijet bil Malti tad-Direttur ta dan il gażetta)—l'Uffizzju tal Milied, bil Latin u bil Malti—id-*Dutrina nisranija* (il ġdida)—"Taħriġ tat-Tieba" jeù Taghlim nisrani—il *Visti tas-Sepulcri*—u bosta Cotba oħra tad devozzjoni bil Latin u bit-Taljan, collha bi prezzijet xierka.

—Illum ucoll, ghad li diġà chienu maħdumin u lesti, chellna 'nħallu barra it *Tùissijet fuk is-saħħa* u il *Holkien*.

# "Redenta."

Bħalma conna naħsbu u nixtieku b'kalbna collha, il mużica tas-Sur Mast Carlu Fiamingu ghoġbot ùisk, chien mghajjat, l'eùùel darba, disa' darbiet, biex minn fuk il palcuxenicu in-nies jatuħ il kima li chienet tisthoklu u ilbieraħ fis-Serata tieghu sarulu festi cbar, imkanklin minn Cumitat ta ħafna persuni rispettabbli. Insemmu minnhom daùc biss li niftacru: il Professur Tagliaferro, li giè maghżul bi President, is-Sur Mast Giuseppi Vella ll.d. u is-Sur Mast Manùel Bartoli r.m.a., il Professur Laùrenza, l'Avucati Oreste Grech Mifsud c.m.g., Benjamin

